TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 447/10

**Dr. Godfrey Baldacchino**

**vs**

**Angler Centre**

Illum 27 ta' Lulju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-12 ta' Novembru, 2010 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' tmien mitt ewro (€800), rappreżentanti prezz ta' *electric fishing reel* li kellha sentejn garanzija u li wara li nħadmet għal ċertu żmien waqaf kompletament.

Is-soċjeta' intimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huma rappreżentanti tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi kien xtara *electric fishing reel* għal prezz ta' sitt mija u ħamsin ewro (€650) b'sentejn garanzija u f'inqas minn sena waqfet taħdem kompletament. Illi minkejja li r-rikorrenti aċċettta li tiġi msewwija, din kellha tintbagħat barra minn Malta sabiex tiġi hekk imsewwija u ma kienx hemm qbil, u għalhekk il-kwistjoni waqfet hemm.

L-intimat issottometta illi primarjament ir-rukkell ma kienx inxtara minn għandu u għalhekk mhux obbligat li jarranġah.

L-intimat ippreżenta wkoll Kontro-Talba fejn qed jitlob l-ammont ta' elfejn ewro (€2,000) bħala danni u ssottometta li qed jinkorri ħela ta' ħin u finanzi. L-intimat ikkonkluda illi t-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' fid-dettall il-kawża movimentata bejn il-partijiet, jinnota illi hemm konflitt tal-verżjoni fejn ir-rikorrenti qed jitlob illi l-*electric fishing reel* inxtrat mingħand id-ditta intimata, u d-ditta intimata qed jikkonkludi li kien biddel il-kaxxa u poġġha r-*reel* minflok dak li kien verament xtara.

Sfortunatament ma tantx hemm provi konklussivi minn kull naħa sabiex tagħti sostenn għat-Tribunal biex jipprova jasal għal konklużjoni ġusta bbażata fuq il-fatti. Pero' t-Tribunal sema' fid-dettal liż-żewġ partijiet li kellhom xi jgħidu, u jinnota illi qiegħed jemmen aktar il-verżjoni tar-rikorrenti li verament kien xtara din l-*electric fishing reel* mingħand id-ditta intimata.

Da parte tagħha, d-ditta intimata hija ditta serja u ċert illi setgħet tirranġa b'inqas inkwiet.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' mitejn ewro (€200), bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn iż-żewġ partijiet.

Rigward il-Kontro-Talba, t-Tribunal qed jiċħad il-Kontro-Talba, bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**